MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA
## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

**Illum 12 ta' Jannar, 2016**

Fl-Atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni Numru 1900/2015LM fl-ismijiet:

**Kenneth Mallia (ID 319588(M) u Graziella Farrugia (ID 481988(M)**

**vs.**

**Emanuel Farrugia pensjonant, legalment separat, iben il-mejtin Felice u Carmela nee Lavetti, mwieled Bormla fit-tlettax (13) ta' Frar tas-sena elf disa' mija u sitta u għoxrin (1926) u residenti wieħed u sebgħin (71), Dawret it-Torri, Santa Luċija, karta tal-identità numru 123526(M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ippreżentat fis-7 ta' Diċembru, 2015 mir-rikorrenti **Kenneth Mallia u Graziella Farrugia** (minn issa 'l quddiem imsejjħin "ir-rikorrenti") u

kkonfermat bil-ġurament minn Kenneth Mallia, fejn talbu il-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni (minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-Mandat") kontra l-intimat **Emanuel Farrugia** (minn issa 'l quddiem imsejjaħ "l-intimat") għar-raġunijiet li ġejjin:

*"Illi l-esponenti, sabiex jikkawtelaw d-drittijiet tagħhom, jixtiequ jżommu lill-intimat milli anke provviżorjament, sakemm jiġi finalment degretat il-mandat odjern, bi kwalsiasi mod u taħt kwalsiasi titolu jittrasferixxi sia in parte kif ukoll in toto l-fond bin-numru tlieta u sebgħin (73), Triq Dawret it-Torri, ossia Dawret it-Torri, Santa Luċija, liema fond huwa sovrapost għal fond ieħor tal-intimat, u konfinanti min-nofsinhar ma' Dawret it-Torri, mill-punent ma' ġid ta' Vincent Galea, u mit-tramuntana ma' ġid tal-Gvern ta' Malta, jew irjieħ verjuri, u milli b'xi mod jgħabbi l-imsemmija proprjetà bi kwalunkwe dejn u/jew garanziji, jew li jiskrivi xi xorta ta' ipoteka, kemm jekk ġenerali kif ukoll jekk speċjali, u kif ukoll joħloq kull xorta ta' piż jew obbligu kemm jekk reali jew personali fuqha, u dan għas-segwenti raġunijiet:*

1. *Illi l-esponenti wegħdu li jixtru u jakkwistaw mingħand l-intimat, li da parti tiegħu wiegħed li jbiegħ u jittrasferixxi, il-fond numru tlieta u sebgħin (73), Triq Dawret it-Torri, Santa Luċija bil-pattijiet, kundizzjonijiet u prezz patwiti f'konvenju datat l-ewwel (1) ta' Ġunju tas-sena elfejn u ħmistax (2015) fl-atti tan-Nutar Dr. Tania Farrugia (Dok. A).*

2. *Illi l-esponenti għarrfu lill-intimat permezz ta' ittra uffiċjali datata tletin (30) ta' Novembru tas-sena elfejn u ħmistax (2015) ai termini tal-Artikolu 1357 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta bid-dettalji kollha ta' meta ħa jkun ippubblikat l-att finali, u dan sabiex jaddivjeni għall-pubblikazzjoni tal-kuntratt finali, u jiġi effettwat it-trasferiment tal-fond in kwistjoni a favur tagħhom.*

3. *Illi l-intimat minkejja li mgħarraf ai termini tal-artikolu fuq imsemmi baqa' inadempjenti, u baqa' ma resaqx għall-pubblikazzjoni tal-att finali.*

4. *Illi għalhekk l-esponenti sabiex jikkawtelaw id-drittijiet tagħhom skont il-Liġi kellhom jaġixxu kemm bil-mandat odjern, kif ukoll b'kawża li qed jippreżentaw kontestwalment sabiex jitolbu fost l-oħrajn lil din l-Onorabbli Qorti tordna lill-intimat jersaq għall-att finali ta' bejgħ tal-proprjetà appena imsemmija.*

5. *Illi għalhekk l-esponenti jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tagħhom f'dan il-mandat kemm provviżorjament sakemm jiġi finalment degretat, kif ukoll b'mod finali wara li tisma' lill-partijiet skont il-liġi.*

6. *Illi l-esponenti se jiġu ppreġudikati jekk l-intimat ma jiġix inibit kif ingħad.*

7. *Għaldaqstant, l-esponenti umilment jitolbu li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tordna l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni sabiex iżommu milli jkompli jagħmel il-ħwejjeġ hawn fuq imsemmija.".*

Rat id-digriet tagħha tas-7 ta' Diċembru, 2015 fejn (i) wara li rat l-Artikolu 875(2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, laqgħet it-talba tar-rikorrenti provviżorjament u rriżervat li tipprovdi b'mod definittiv fi stadju ulterjuri; (ii) ordnat in-notifika tar-Rikors u tal-istess digriet lill-intimat li kellu sal-14 ta' Diċembru, 2015 għar-risposta tiegħu u għall-preżentata ta' kull dokument/affidavit in sostenn għar-risposta tiegħu.

Rat id-digriet tas-7 ta' Diċembru, 2015 fejn ir-Rikors ġie appuntat għas-smigħ għas-seduta tal-15 ta' Diċembru, 2015.

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta' Diċembru, 2015 fejn peress li mill-atti tar-Rikors ma kienx jirriżulta jekk l-intimat ġiex debitament notifikat, is-smigħ tar-Rikors tħalla għas-seduta tal-11 ta' Jannar, 2016.

Rat illi għalkemm l-intimat ġie debitament notifikat bir-Rikors u bid-digriet ta' din il-Qorti fis-7 ta' Diċembru, 2015, huwa naqas milli jippreżenta risposta entro t-terminu mogħti lilu.

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta' Jannar, 2016 fejn l-intimat għalkemm debitament notifikat huwa naqas milli jidher għas-smigħ tar-Rikors.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta' Jannar, 2016 fejn ir-Rikors tħalla għall-provvediment kamerali.

**Ikkunsidrat:**

Tqis illi l-intimat għad li kellu kull opportunità li jopponi għall-ħruġ tal-Mandat kif mitlub mir-rikorrenti, kemm fil-parti bil-miktub ta' din il-proċedura kif ukoll waqt is-smigħ, huwa naqas li jagħmel dan.

Tqis illi r-rikorrenti fuq bażi *prima facie* għandhom jeddijiet x'jitħarsu ai termini tal-konvenju datat l-ewwel (1) ta' Ġunju tas-sena elfejn u ħmistax (2015) fl-atti tan-Nutar Dr. Tania Farrugia (Dok. A) fejn huma wegħdu li jixtru u jakkwistaw mingħand l-intimat, li da parti tiegħu wiegħed li jbiegħ u jittrasferixxi, il-fond numru tlieta u sebgħin (73), Triq Dawret it-Torri, Santa Luċija bil-pattijiet u l-kundizzjonijiet u prezz patwiti fl-imsemmi konvenju.

Għalhekk din il-Qorti tinsab sodisfatta li jidher *prima facie* li r-rikorrenti għandhom jeddijiet x'jiġu kkawtelati permezz tal-Mandat, u li r-rikorrenti urew li l-Mandat huwa meħtieġ biex jitħarsu l-jeddijiet pretiżi minnhom tant li bin-nuqqas ta' ħrug tal-Mandat ir-rikorrenti jistgħu jsofru preġudizzju.

Tqis għalhekk li jirriżultaw ir-rekwiżiti meħtieġa mil-liġi biex ikun jista' jinħareġ il-Mandat kif mitlub mir-rikorrenti.

**<u>Decide</u>**

**Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda tiddeċiedi billi:**

**Tilqa' t-talba tar-rikorrenti għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni sabiex iżommu lill-intimat milli bi kwalsiasi mod u taħt kwalsiasi titolu jittrasferixxi sia in parte kif ukoll in toto l-fond bin-numru tlieta u sebgħin (73), Triq Dawret it-Torri, ossia Dawret it-Torri, Santa Luċija, liema fond huwa**

**sovrapost għal fond ieħor tal-intimat, u konfinanti min-nofsinhar ma' Dawret it-Torri, mill-punent ma' ġid ta' Vincent Galea, u mit-tramuntana ma' ġid tal-Gvern ta' Malta, jew irjieħ verjuri, u milli b'xi mod jgħabbi l-imsemmija proprjetà bi kwalunkwe dejn u/jew garanziji, jew li jiskrivi xi xorta ta' ipoteka, kemm jekk ġenerali kif ukoll jekk speċjali, u kif ukoll joħloq kull xorta ta' piż jew obbligu kemm jekk reali jew personali fuqha.**

**Taħtar, għall-finijiet tal-Artikolu 874(3) tal-Kap. 12 u bi spejjeż għar-rikorrenti, lin-Nutar Dr. Tania Farrugia biex tinnotifika dan il-Mandat lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u lir-Reġistratur tal-Artijiet.**

**Tordna li l-intimat iħallas l-ispejjeż ta' din il-proċedura.**

-------------------TMIEM--------------------